# L-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI TAL-PARROĊĊA TA' BORMLA

**Mill-Kan Prep. Jos. Bonello**



Jiena u l-ħabib tiegħi Charles Galea Scannura qallibna d-dokumenti kollha ta' l-Arkivju tal-Kolleġġjata tagħna u sibna ħafna affarijiet interessanti dwar l-Istatwa tal-Kunċizzjoni, iżda sfortunatament ftit sibna dwar il-bidu u l-oriġini ta' din il-vara tant għażiża għalina. L-aktar tagħrif bikri jinsab fl-inventarju tal-kbir benefattur tal-Parroċċa tagħna DUN DIEGU CIANTAR, fejn tissemma statwa ta' l-injam, indurata u mogħtija l-kulur ċelesti (1). Skond ma qalli il-Kan. Gius. Portelli din l-istatwa llum tinsab fil-parroċċa tal-Qrendi. Jiena mort rajtha; hija mogħtija l-kulur ċelesti u ndurata; eżatt kif inhija msemmija fl-inventarju ta' Dun Diegu. Aktarx li din l-istatwa qadima ġiet mogħtija lill-Parroċċa tal-Qrendi meta kien kappillan f'dan ir-raħal il-Bormliż Dun Anton Mizzi. Din l-istatwa kienet għall-Esibizzjoni fiċ-ċentinarju Pawlin (2).

## L-ISTATWA QABEL IS-SENA 1905

F'rapporti tal-Visti pastorali fil-Parroċċa ta' Bormla, tissemma wkoll statwa kbira tal-Kunċizzjoni li kienet toħroġ f'purċissjoni ta' 8 ta' Diċembru (3). Aktarx li hija l-istess vara li għandna llum. Skond il-Kanonku Ġużepp Cassar fil-ktieb tiegħu "IL-QIMA LEJN L-IMMAKULATA F'BORMLA", l-istatwa tal-Kunċizzjoni saret fis-sena 1725, miz-zokk ta' siġra li kienet fejn illum hemm il-kor tal-Knisja parrokkjali. Dejjem skond Cassar, din il-vara hija magħmula mill-magħrufa artista Suor Maria de Domenicis, allieva ta' Mattia Preti (4). Iżda l-ebda dokument ma' sibna li japprova dan. Imkien fl-Arkivju ma sibna min għamel l-istatwa tal-Kunċizzjoni. 'Il quddiem nittamaw li jsir studju aktar profond.

Żgur, iżda, li din l-istatwa kienet sabiħa u kbira bil-puttini (anġli

(jaqbad mill-paġna 29)
żgħar) f'kull ġemb tagħha, maħruġin minn taħt il-mant waqt li l-qamar taħt riġlejha kien wisq akbar milli huwa llum. Jgħidulna li l-mudell ta' din l-istatwa kien tal-ġebel u llum jinsab fiċ-ċimiterju tas-sorijiet ta' Santa Katarina tal-Belt Valletta (5). Jiena mort rajt dan il-mudell u jixbaħ ħafna lil vara tal-Kunċizzjoni kif kienet qabel is-sena 1905.

Il pedestal tagħha kien bħal dak li hemm RUMA f'Piazza di Spagna; kien tond f'forma ta' dinja mdawwar bis simboli ta' Evanġelisti. Dan il-pedestal illum jinsab fil-Parroċċa ta' Raħal il-Ġdid, u qiegħed jintuża fil-purċissjoni titulari ta' Kristu Re. Ħadd ma jaf kif dan il-pedestal sab ruħu f'din il-parroċċa.

**L-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI WARA L-1905**

Għall-Festa ta' l-Inkurunazzjoni, li saret fil-25 ta' Ġunju 1905, l-istatwa tal-Kunċizzjoni ġiet irranġata u restawrata mill-artist Bormliż Abram Gatt, li neħħa l-puntini minn taħt il-mant, biddel il-forma tal-libsa u neħħa l-qamar kbir li kellha. B'dan il-mod l-istatwa tbiddlet għal kollox, u għalhekk nistgħu ngħidu li l-vara tal-Kunċizzjoni hija ta' Abram Gatt.

Ġiet miksija bil-fidda mid-"Ditta Ant. Ghezzi & Figli" ta' Milan, fuq id disinn u l-mudelli li għamel Abram. Sena wara ġiet imżejna b'bosta mid-devoti Bormliżi. Fuq ras is-serp hemm topazju kbir u prezzjuż (daqs f'nofshom, miġbura mill-Kanonku Moretti. Il-frotta f'ħalq is-serpent hija tad-djamanti, deheb u ħaġar prezzjuż, fosthom 164 stilla tad-deheb bi djamanti deheb; l-Istillarju u l-qamar huma miżgħuda bid-djamanti, kollha mogħtija ġewża żgħira) mogħtija mill-Baruni Barbaro di San Giorgio, fundatur u president tal-Banda San Ġorġ (6).

Meta ġiet minn Milan, wara li ġiet miksija bil-fidda, tqegħdet fil-portiku tal-Knisja ta' Santa Margerita, minn fejn twasslet sal-Parroċċa b'dimostrazzjoni kbira u b'entużjażmu mill-aqwa.

Il-famuż pedistall, disinn ukoll ta' Abram Gatt tlesta fis-sena 1924. Il-pedistall ta' qabel (it-tieni wieħed) ġie mogħti lill-Parroċċa ta' B'Bugia, li għadu jintuża għall-vara tad-Duluri (7).

**L-ISTATWA NHAR IL-FESTA**

Għall Festa din l-istatwa tkun taħt mant rikk ħafna u fuq bradella artistika, xogħol tajjeb ferm fl-injam tal-Bormliż Mastru Wenz Bonnici. Il-bradella l-antika llum tinsab fil-Parroċċa ta' Ħal-Luqa. Skond rikors fil-Kurja ġiet mogħtija bil-prezz ta' Lm15. Din il-bradella għadha tintuża għall-festa taċ-Ċintura (8).

Il-mant sabiħ u rikk huwa rigal tal-Bormliż Karm Delia tad-"Ditta Gio Batta Delia" tal-Belt Valletta, u nħadem fuq il-qadim (li kien sabiħ ukoll) mis-sorijiet ta' Ġesu' Nazzarenu taż-Żejtun. Iż-żewġ anġli tal-mant huma ta' l-injam, xogħol tajjeb ta' l-Iskultur Senglean Vincenzo Bonnici (1821 1865). L-erba' gastri, disinn ta' Abram, huma tal-fidda u saru flok oħrajn iktar qodma li llum jintramaw ħdejn l-istatwa tar-Redentur.

**L-ISTATWA FIL-GWERRA**

Fl-aħħar gwerra kien hemm il-biża li l-Knisja tiġġarraf; għalhekk l-istatwi kollha u ħafna affarijiet ta' valur ġew trasportati f'inħawi oħra ta' Malta. L-istatwa tal-Kunċizzjoni ġiet meħuda fil-Kolleġġjata ta' B'Kara, fejn

(jaqbad mill-paġna 31)
kull sena fit-8 ta' Diċembru, kienet titqiegħed fil-Knisja biex issir il-festa tal-Madonna. Dan sar fis-snin 1941, 1942, u 1943. Bormla, fil-gwerra tfarrket kollha minbarra xi ftit djar 'l hawn u 'l hemm; **fost dik il-ħerba kollha l-parroċċa baqgħet wieqfa**; żgur li dan kien miraklu tal-Madonna.

Għalhekk il-Kapitlu ddeċieda li jagħmel Pellegrinaġġ minn Birkirkara għal Bormla bil-Kwadru tal-Kor u l-istatwa tal-Kunċizzjoni, b'radd il-ħajr għaliex it-Tempju Santwarju ġie salvat mill-qerda tal-gwerra. **Dan il-pellegrinaġġ sar fid-19 ta' Novembru 1944**, u għadda mill-Ħamrun, Blata l-Bajda, il-Marsa u Raħal Ġdid. It-toroq kollha kienu fgati bin nies; mill-inqas kien hemm mas-16-il banda. Kien veru trijonf tal-Madonna. Din il-ġurnata ma tintesa qatt.

**IN-NIĊĊA TAL-MADONNA**

In-niċċa l-qadima kienet biċċa xogħol ta' Abram Gatt, li ħoloq makkinarju stupend biex il-Madonna tkun tista' titqiegħed fin-niċċa mingħajr ma' ssir ħsara fl-altar ta' San Ġwann. Kienet sabiħa u taqbel ma' l-istil tal-Knisja, iżda bdiet tiqdiem u kien hemm il-periklu li fil-ħruġ tal-vara tista' tiġri xi disgrazzja; għalhekk inħass il-bżonn ta' niċċa ġdida. Wara ħafna diffikultajiet instab li l-aħjar post huwa fil-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja. L-imgħallem kien Jos. Baldacchino u l-Perit Carm Mifsud. Id-disinn tal-bieba sar minn Salvu Bugeja u d-direzzjoni kienet f'idejn l-artist Żejtuni Dun Gino Gauci. In-niċċa tlestiet is-sena l-oħra (1983) u l-Madonna ddaħħlet fiha għall-ewwel darba fit-13 ta' Diċembru 1983.

L-ispiża kollha tan-niċċa kienet ta' Lm9,371, u diversi individwi taw xogħol professjonali u mod ieħor mingħajr ħlas (10). Ġiet ukoll miksija bl-irħam parti mill-Kappella u saret pittura fil-koppletta u fl-erba lunetti. L-irħam sar mid-Ditta "La Rosa Marbles" u l-pittura mill-artist Pawlu Camilleri Cauchi. Fil-koppletta l-pittur pinġa "il-Madonna tal-Marzabba" jew tas-Sokkors, dwar il-Leġġenda-Storja tal-Parroċċa ta' Bormla, u fil-lunetti hemm il-Kardinal Ferrata, li nkuruna l-Madonna fil-25 ta' Ġunju 1905; il-Kardinal Federiko Tedeschini li qiegħed l-istillarju madwar ras il-Madonna fis-sena 1955; Beatu Scotus, il-Franġiskan li ddefenda d-Domma ta' l-Immakulata u San Massimiljano Kolbe, il-martri Pollakk li tant kien devot tal-Kunċizzjoni.

Qabel in-niċċa ta' Abram, l-istatwa tal-Kunċizzjoni kellha niċċa oħra li kienet titqiegħed bejn l-altar ta' San Ġwann u l-altar ta' San Dimitri; illum din in-niċċa qiegħda fis-sagrestija u hemm fiha l-istatwa ta' Sant' Agata.

---

*Referenzi*

1. Arkivju Kolleġġjata — Cospicua.
2. Il-Parroċċa tal-Qrendi f'egħluq 350 sena — Dun R. Ellul.
3. Arkivju tal-Kurja — Visti Pastorali.
4 u 5. Il-qima ta' l-Immakulata f'Bormla — Kan Dun G. Cassar.
6. Arkivju tal-Kolleġġjata — Cospicua.
7 u 8. Tagħrif mogħti mill-Mons. Luigi Abela.
9. Tagħrif Storiku ... Charles Galea Scannura.
10. Fuljett Parrokkjali (Bormla) Jannar 1984.